



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.3.2006
KUMM(2006) 85 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Effettività ta' l-Għajnuna –

L-isfidi biex tiġi miżjuda l-għajnuna ta' l-UE 2006 – 2010

{SEG (2006) 294}

1. L-ISFOND

Fil-preparazzjoni għas-Samit ta' Reviżjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti f' Settembru 2005 l-UE daħlet għal impenji storiċi ġodda sabiex taċċellera l-progress biex tikseb l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDG)¹, billi tibni fuq l-Impenji ta' qabel ta' Barċellona li ttieħdu qabel il-Konferenza ta' Monterrey dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp fl-2002. Dawn id-deċiżjonijiet kienu essenzjali biex jagħtu bidu għall-impenji li daħlu għalihom l-oħrajn; kienu akklamati ħafna mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw imsieħba tagħna, b'mod partikolari peress li r-riżulati tas-Samit innifsu baqgħu ma laħqux l-ambizzjonijiet ta' l-UE, b'mod partikolari rigward is-segiment tal-finanzjament għall-iżvilupp. Sussegwentement l-Assemblea Ġenerali tan-NU qablet li għandha ssir konferenza ta' segwitu bejn l-2008 u l-2009 biex ikun eżaminat il-progress addizzjonali li jkun sar dwar il-kunsens ta' Monterrey.

L-impenji l-ġodda se jkomplu jsaħħu l-pożizzjoni ta' l-UE bħala l-ikbar donatriċi ta' għajjnuna fid-dinja u l-elementi fundamentali kostitwiti tal-*'Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp'*² – u l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika³ miftiehma iktar tard fl-2005. Jinkludu

- **miri ġodda għall-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA):** permezz ta' żjodiet progressivi fl-ODA, l-UE se tipprovdni kollettivament 0.56% tad-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) tagħha sa l-2010, bħala pass intermedju biex tinkiseb il-mira tan-NU ta' 0.7% sa l-2015. Dan l-impenn huwa kkombinat mal-wegħda li jiġu **pprovduti ħamsin fil-mija tal-volumi miżjuda ta' għajjnuna lill-Afrika;**
- impenji addizzjonali li jirrigwardaw **sorsi innovattivi ta' finanzjament** għall-iżvilupp ta' aktar **għajjnuna sabiex jittaffa d-dejn** u l-**Ġid Pubbliku Internazzjonali;**
- **għajjnuna** kkoordinata aħjar u **iktar effettiva** fuq il-livell ta' l-UE kif ukoll l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività ta' l-Għajjnuna, inklużi **mekkaniżmi għall-għajjnuna iktar prevedibbli**, b'mod partikolari appoġġ għall-baġit, **il-mitigazzjoni ta' impatti esterni, jinħall l-irbit ta' l-għajjnuna u riforma ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali;**
- **għajjnuna marbuta mal-kummerċ** (TRA), li għaliha l-Kunsill kompli jispeċifika l-impenji qabel il-Laqgħa Ministerjali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) f'Hong Kong⁴.

Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji u biex kull sena tirrapporta dwar il-progress tal-finanzjament u ta' l-effettività ta' l-għajjnuna, inkluż għall-Afrika. Din il-Komunikazzjoni tipprovdni l-ewwel valutazzjoni ta' din ix-xorta ta'

¹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2005. *'Millenium Development Goals: EU Contribution to the Review of the MDGs at the UN 2005 High Level Event'* (*'L-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp: Il-Kontribut ta' l-UE għar-Reviżjoni ta' l-MDGs fl-Avveniment ta' Livell Għoli tan-NU 2005'*).

² Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni; Id-Dokument tal-Kunsill 14820/05.

³ Il-Kunsill Ewropew tal-15-16.12.2005 *'The EU and Africa: Towards a strategic partnership'* (*'L-UE u l-Afrika: Lejn sħubija strateġika'*) (id-dokument 15961/05 tad-19.12.2005).

⁴ *"Aid for Trade"* (*"L-Għajjnuna għall-Kummerċ"*) Id-Dokument tal-Kunsill 15579/05 DEVGEN 250 RELEX 748 tad-09.12.2005.

l-implimentazzjoni tas-sett estiż ta' l-impenji ta' l-UE u hija bbażata fuq il-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri (SM) fis-servej tal-monitoraġġ annwali tard fl-2005. Id-Dokument ta' Ħidma komplementari ta' l-Istaff⁵ fih evalwazzjoni dettaljata tal-progress.

2. L-IMPENN BIEX JIŻDIEDU R-RIŻORSI FINANZJARJI GĦALL-GĦAJNUNA UFFIĊJALI GĦALL-IŻVILUPP (ODA)

Fl-2005 l-UE żiedet il-miri inizjali ta' l-ODA, li kienu ffissati għall-2006, minn dawk l-SM li ħadu sehem fl-“impenji ta' Barċellona” (UE15: livell ta' bażi individwali pre-stabbilit ta' ODA/DGN ta' 0.33% biex tkun żgurata medja kollettiva għall-UE ta' 0.39%). Biex tinkiseb il-mira ta' 0.7% tan-NU sa l-2015, il-25 SM kollha, inklużi l-pajjiżi li ssieħbu fl-UE fl-2004 (UE10) daħlu għall-**impenji l-ġodda**: l-UE15 wegħdu li, **sa l-2010, jintlaħaq livell ta' bażi individwali ta' 0.51%** - l-UE10 ta' 0.17% - l-ODA bħala persentaġġ tad-DGN; li jikkorrispondi għal riżultat kollettiv ta' 0.56% ta' ODA/DGN. Il-pajjiżi li se jaderixxu, il-**Bulgarija** u r-**Rumanija** allinjaw irwieħhom ma' dawn l-impenji.

2.1. Lejn il-kisba tal-mira ta' l-ODA ta' l-2006

L-UE tibqa' miexja skond il-kalendarju stabbilit biex tinkiseb il-mira kollettiva inizjali ta' l-ODA ta' 0.39% sa l-2006. Jekk kolloxx imur skond kif inhu mbassar l-UE xorta waħda tista' tilħaq medja approssimattiva ta' 0.42%. Ir-**rendiment ta' l-UE fl-2004** huwa sodisfaċenti minħabba li billi ttipprovi kollettivament 0.34% tad-DGN għall-ODA, l-UE tiżgura livelli sostanzjalment oġhla minn dawk ta' donaturi ta' l-OECD/tad-DAC li m'humiex ta' l-UE (ħlief in-Norveġja u l-Iżvizzera) u tibqa' 'l fuq sewwa mill-medja tad-DAC ta' 0.26%. Dan jikkorrispondi għal flussi ta' għajjuna addizzjonali ta' €2.3 biljun meta mqabbla ma' l-2003, imma **ma wassalx għal żjieda reali f'termini ta' persentaġġ meta mqabbla ma' l-2003.**

⁵

The EU monitoring of Financing for Development and Aid Effectiveness: Starting to deliver on the new commitments' ('Il-Monitoraġġ ta' l-UE tal-Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Effettività ta' l-Għajjuna: Nibdew inwettqu l-impenji l-godda') SEC(2006) 294.

Tabella 1: Il-livelli ta' l-UE ta' l-ODA 2004 – 2005 – 2006

Il-livelli ta' l-ODA	2004		2005		2006	
	Mil. €	bħala % tal-DGN	Mil. €	bħala % tal-DGN	Mil. €	bħala % tal-DGN
Il-miri						0.33/-
L-Awstrija	554	0.23	1072	0.45	1080	0.43
Il-Belġju	1195	0.41	1358	0.45	1577	0.5
Ċipru	4	0.04	4	0.04	5	0.04
Ir-Repubblika Ċeka	88	0.11	102	0.11	110	0.11
Id-Danimarka	1664	0.85	1675	0.81	1715	0.80
L-Estonja	4	0.05	5	0.06	6	0.06
Il-Finlandja	535	0.35	600	0.39	671	0.416
Franza	6921	0.41	8093	0.47	8213	0.47
Il-Ġermanja	6155	0.28	6204	0.28	7505	0.33
Il-Greċja	380	0.23	484	0.28	589	0.33
L-Ungerija	45	0.06	68	0.085	89	0.1
L-Irlanda	496	0.39	546	0.40	675	0.47
L-Italja	2011	0.15	3279	0.24	4577	0.33
Il-Latvja	7	0.06	7	0.06	8	0.06
Il-Litwanja	8	0.042	12	0.06	14	0.064
Il-Lussemburgu	192	0.83	204	0.85	216	0.86
Malta	8	0.18	7	0.18	9	0.2
L-Olanda	3434	0.73	4104	0.83	4221	0.82
Il-Polonja	96	0.05	200	0.09	250	0.1
Il-Portugall	842	0.63	454	0.33	450	0.33
Ir-Repubblika Slovakkja	23	0.072	29	0.09	30	0.085
Is-Slovenja	25	0.1	30	0.12	35	0.127
Spanja	1991	0.24	2600	0.30	3234	0.35
L-Iżvezja	2224	0.78	2587	0.88	3070	1
Ir-Renju Unit	6439	0.36	7138	0.39	8061	0.42
UE 15	35033	0.35	40398	0.40	45854	0.44
UE 10	308	0.07	464	0.09	556	0.10
EU 25	35341	0.34	40862	0.38	46410	0.42

Sorsi tad-data: Ir-Rapport Annwali 2005 ta' l-OECD/DAC u t-tweġibiet mill-SM ta' l-UE għas-servej ta' Monterrey

Il-prospetti għall-2005-2006 huma aktar promettenti. Jekk iseħħ dak li hemm fl-istimi korrenti, **fl-2005 l-UE15 flimkien diġà se jkunu eċċedew il-mira ta' 0.39%. L-Italja**, li huwa l-uniku pajjiż bi tnaqqis fl-ODA/PGD bejn l-2003 u l-2004, jidher li introduċa miżuri korrettivi (stmati għal 0.24% ta' ODA/PGD), imma jibqa' fl-iktar livell baxx tal-grupp. **Ir-riżultat kollettiv fl-2006 se jiddependi minn dawk l-MS li għadhom taħt il-limitu minimu ta' 0.33%.** Biex jilħqu l-mira individwali tagħhom sa l-2006 u biex jevitaw li jikkompromettu r-rendiment qawwi kollu ta' l-UE, iridu jiżguraw żjieda sostanzjali fil-volumi ta' l-għajjnuna. Fl-2006 l-UE10 jistgħu jikkontribwixxu b'mod kollettiv kważi 0.1% tad-DGN tagħhom għall-ODA, biex b'hekk jiżguraw rendiment iktar qawwi minn dak li kien stmat qabel.

2.2 L-impatt tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar iż-żjeda fl-għajna Komunitarja

Dwar il-pakkett tal-Perspettiva Finanzjarja 2007 – 2013, il-Kunsill ta' l-Ewropa kkonkluda⁶ li l-baġit tal-KE għall-azzjonijiet esterni għandu jkoll b'4.5% kull sena, u allura €22.682 biljun oħra għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-ACP matul l-2008-2013 taħt l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF). Dawn id-deċiżjoniet għandhom il-konsegwenzi tagħhom: Jekk jiġi kkonfermat, is-sehem reali tal-**kontribuzzjoni tal-KE** (mill-baġit tal-KE u mill-EDF) għall-**ODA kollettiv ta' l-UE** għandu jonqos minn 20%, kif inhu illum, għal 15% sa l-2010 u għal 13% sa l-2013. Barra dan, jekk l-SM jonoraw il-wegħdiet tagħhom ta' l-ODA se jkollhom jipprovdu madwar 90% ta' l-għajna addizzjonali ta' l-UE b'mod bilaterali.

F'dan l-isfond, l-UE trid tiffaċċja sfida doppja biex tiżgura l-kredibilità tagħha bħala donatriċi prinċipali globali, kif kien indikat mill-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp:

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ma jiżgurawx il-fondi xierqa għall-KE biex tirrispondi għall-aspettattivi ta' l-imsieħba li jirriżultaw mill-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/Sħubija ambizzjużi tal-KE u ta' l-UE li ġew konklużi ma' ħafna pajjiżi msieħba madwar id-dinja.

Jekk is-sistemi nazzjonali ta' l-għajna ta' l-SM jiġu wkoll taħt pressjoni konsiderevoli minħabba iż-żjeda fl-għajna, dan iwassal biex jiddgħajjef l-impenn biex b'mod kollettiv l-UE tagħti rendiment fil-qasam ta' l-għajna li jkun aktar b'saħħtu u effettiv.


Għalhekk u biex jiġu żgurati l-koerenza u l-viżibilità globali ta' l-UE huwa kruċjali li jitwaqqfu strutturi u modi xierqa anki fuq il-livell ta' l-UE li jiffaċilitaw it-tqassim koordinat u komplementari ta' l-għajna bilaterali u tal-KE ta' l-SM. Il-Kummissjoni se tikkontribwixxi għal dan l-isforz billi tiżviluppa tipi differenti ta' strutturi ospitanti li huma miftuħa għall-kontribuzzjonijiet volontarji ta' l-SM, bħalma huwa l-fond ta' fiduċja Ewropew għall-infrastruttura fl-Afrika, tagħmel sejħa għal mekkaniżmi ta' proposti kif jiġu applikati taħt il-Faċilitajiet ta' l-Ilma u ta' l-Enerġija ta' l-ACP, jew l-esplorazzjoni tal-probabilità ta' strumenti komuni biex ikun hemm rispons għall-isfidi globali li huma relatati mal-waqgħa tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi u mal-katastrofi naturali (pereżempju l-UE-FLEX jew xi ħaġa simili).

2.3 Tiġi miżjuda l-ODA ta' l-UE: il-miri intermedji l-ġodda għall-2010

Stimi preliminari juru li l-maġġoranza ta' l-SM introduċew il-miżuri meħtieġa biex jiksbu l-miri ta' l-ODA ta' l-2010: sitt SM se jipprovdu 0.7% jew aktar tad-DGN tagħhom bħala ODA, bl-Iżvezja żżomm l-ODA tagħha fil-livell ta' 1.0% tad-DGN u l-Lussemburgu jipprova jikseb dak il-livell. Erba' SM oħra se jallokaw madwar 0.6% tad-DGN tagħhom għall-għajna għall-iżvilupp u oħrajn ibassru żjidiet progressivi sena wara sena biex jilhqqu 0.51% ta' ODA/DGN.

⁶ "Financial Perspective 2007 – 2013" ("Il-Perspettiva Finanzjarja 2007 – 2013") – Id-Dokument tal-Kunsill 15915/05 CADREFIN 268 tad- 9.12.2005.

Dijagramma 1: L-ODA ta' l-UE stmata f' relazzjoni mal-miri kollettivi 2006-2010



Sorsi: It-twegġibiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE għas-servej ta' Monterrey

Tabella 2: Il-prospetti biex jinkisbu l-miri intermedji ta' l-UE ta' l-2006-2010

Il-livelli ta' l-ODA	2006		2010 (il-figuri aħħarija)		2010 (l-impenji)	
	Mil. €	bħala % tal-DGN	Mil. €	bħala % tal-DGN	Mil. €	bħala % tal-DGN
Il-miri		0.33/-		0.51/0.17		0.51/0.17
L-Awstrija	1080	0.43	1397	0.51	1397	0.51
Il-Belġju	1577	0.5	2561	0.70	2561	0.7
Ċipru	5	0.04	10	0.06	28	0.17
Ir-Repubblika Ċeka	110	0.11	137	0.11	212	0.17
Id-Danimarka	1715	0.80	1997	0.80	1997	0.80
L-Estonja	6	0.06	8	0.06	21	0.17
Il-Finlandja	671	0.416	1287	0.7	1287	0.7
Franza	8213	0.47	11483	0.6	11483	0.6
Il-Ġermanja	7505	0.33	12359	0.51	12359	0.51
Il-Greċja	589	0.33	1041	0.51	1041	0.51
L-Ungerija	89	0.1	176	0.17	176	0.17
L-Irlanda	675	0.47	1227	0.62	1227	0.62
L-Italja	4577	0.33	3519	0.24	7478	0.51
Il-Latvja	8	0.06	13	0.07	31	0.17
Il-Litwanja	14	0.064	20	0.07	48	0.17
Il-Lussemburgu	216	0.86	250	0.83	258	0.86
Malta	9	0.2	7	0.17	7	0.17
L-Olanda	4221	0.82	4848	0.8	4848	0.8
Il-Polonja	250	0.1	570	0.17	570	0.17
Il-Portugall	450	0.33	768	0.51	768	0.51
Ir-Repubblika Slovakka	30	0.085	77	0.17	77	0.17
Is-Slovenja	35	0.127	58	0.18	58	0.18
Spanja	3234	0.35	7136	0.60	7136	0.60
L-Iżvezja	3070	1	3783	1.00	3783	1
Ir-Renju Unit	8061	0.42	12863	0.59	12863	0.59
UE 15	45854	0.44	66519	0.56	70486	0.60
UE 10	556	0.10	1076	0.15	1228	0.17
EU 25	46410	0.42	67595	0.54	71714	0.57


Sors: It-tweġibiet ta' l-SM ta' l-UE għas-servej ta' Monterrey

Filwaqt li l-flussi ta' l-ODA mistennija jikbru b'mod konsistenti, proporzjon sinifikanti taż-żjieda tidher li hija relatata ma' operazzjonijiet biex jittaffa d-dejn (b'mod partikolari l-Iraq, in-Niġerja matul l-2005 u l-2007). Filwaqt li tfakkar il-Kunsens ta' Monterrey il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat li r-riżorsi provduti biex jittaffa d-dejn ma jnaqqas mir-riżorsi ta' l-ODA li huma maħsuba biex ikunu disponibbli għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. L-isfida futura tikkonsisti filli tiġi introdotta d-dinamika meħtieġa fl-ippjanar tal-baġit ta' l-SM sabiex jintlaħqu livelli oġhla u sostnuti ta' l-ODA fid-dawl tal-miri ta' l-2010, b'mod speċjali f'pajjiżi li għadhom il bogħod milli jiksbu l-livell ta' bażi pre-stabbilit ta' l-2006. Wieħed ma jistax ma jinnotax tendenza fost l-SM li jaħsbu minn qabel għat-tkabbir meħtieġ tal-baġits ta' l-għajjnuna.

2.4 Il-kontribuzzjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda

L-għaxar pajjiżi li ssieħbu fl-UE fl-2004 (l-UE10) qablu dwar il-livelli ta' bażi individwali li ġew adattati għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Huma impenjaw irwieħhom li jagħmlu ħilithom sabiex jilħqu l- 'acquis' ta' l-UE fl-2002 sa l-2015 (0.33% ta' ODA/DGN) permezz ta' żjiediet gradwali ta' l-ODA tagħhom u ta' mira intermedja ta' 0.17% sa l-2010.

Djiagramma 2: Iż-żjiediet ippjanati ta' l-ODA fl-UE10 matul l-2003-2010 imqabbla ma' l-Istati Uniti u mal-Ġappun




Sorsi: Ir-rapport annwali ta' l-OECD/ DAC ta' l-2005 u t-tweġibiet ta' l-SM għas-servej ta' Monterrey

Ir-rendiment ġenerali tagħhom huwa impressjonanti, b'mod speċjali meta mqabbel ma' donaturi kbar oħra ta' l-OECD/tad-DAC. Jekk jiġu kkonfermati t-tendenzi korrenti, il-volum ikkombinat ta' l-ODA għandu jżidied għal aktar minn sitt darbiet bejn l-2003, is-sena qabel l-adeżjoni ma' l-UE, u l-2010 u jilħaq il-livell ta' bażi pre-stabbilit ta' 0.17%. Filwaqt li wħud mill-pajjiżi ppjanaw għal żjiediet progressivi ta' għajjnuna, oħrajn jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom u jadattaw il-baġits tagħhom ta' l-ODA, speċjalment permezz ta' allokkazzjonijiet li mhumiex il-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-KE u l-Għaxar EDF. Sa l-2010, il-livelli kombinati ta' l-għajjnuna ta' l-UE10 għandhom ikunu daqs il-proporzjon ipproġettat ta' ODA/DGN ta' l-Istati Uniti.

2.5 L-impenn speċjali dwar l-Afrika

L-UE aċċettat li tiġbor l-għajjnuna għall-Afrika Sub-Saħarjana u li tiżgura li mill-2006 nofs iż-żjiediet previsti fl-għajjnuna kollettiva se jiġu allokatu lill-Afrika. Filwaqt l-G8 – billi l-biċċa l-kbira bnew fuq l-isforzi finanzjarji ta' l-UE – anki wegħdu żjiediet fl-għajjnuna għall-Afrika lejn l-2010, il-wegħda ta' l-UE s'issa għadha ma ġietx imqabbla bl-impenni ta' l-oħrajn, la fl-ambitu u lanqas fit-termini ta' indikaturi verifikabbli. Il-wegħda dwar l-Afrika hija relatata ma' l-isforz kollettiv ta' l-UE li jkun evitat indħil fil-prijoritajiet ta' l-għajjnuna nazzjonali ta' l-SM individwali. Aktar ħidma dwar it-tqassim tax-xogħol jeħtieġ li tiżgura l-qsim ġust tal-piżijiet fost id-donaturi ta' l-UE u ma' l-imsieħba internazzjonali.

Dijagramma 3: Is-sehem mill-allokkazzjonijiet lill-Afrika fit-total ta' l-ODA ta' l-UE- medja għall-2000 - 2004



Termini użati fid-Dijagramma 3:

Percentage = persentaġġ; *Austria* = L-Awstrija; *Belgium* = Il-Belġju; *Denmark* = Id-Danimarka; *Finland* = Il-Finlandja; *France* = Franza; *Germany* = Il-Ġermanja; *Ireland* = L-Irlanda; *Italy* = L-Italja; *Luxembourg* = Il-Lussemburgu; *Netherlands* = L-Olanda; *Portugal* = Il-Portugall; *Spain* = Spanja; *Sweden* = L-Iżvezja; *United Kingdom* = Ir-Renju Unit; *EC* = KE.

Sors: Ir-rapport Annwali ta' l-OECD/tad-DAC ta' l-2005

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- jagħmel sejħa lid-donaturi l-oħrajn biex jimpenjaw irwieħhom b'mod aktar sostanzjali biex ikun żgurat finanzjament xieraq għall-MDGs, b'mod partikolari fl-Afrika, tul perjodu medju u twil ta' żmien;
- fid-dawl ta' l-effett negattiv fuq l-għajnuna tal-KE tal-Konklużjonijiet tal-Perspettivi Finanzjarji li ġew adottati mill-Kunsill ta' l-Ewropa, jagħmel sejħa lill-SM biex jikkontribwixxu, b'mod speċjali għall-Afrika, għal strumenti ta' għajnuna komuni ta' l-UE u oħrajn sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva taż-żjodiet fl-għajnuna tal-ġejjieni qrib;
- iħeġġeġ lill-SM, li l-livelli ta' l-ODA tagħhom għadhom taħt il-livell ta' bażi individwali, biex jagħmlu kull sforz biex jilħqu l-miri fl-2006 u fl-2010 rispettivament
- jiżgura li aktar żviluppi biex jittaffa d-dejn jibqgħu jaqblu ma' l-ispirtu tal-kunsens ta' Monterrey u ta' l-impenji ta' l-UE;

- jinkoraġġixxi lill-SM li ssieħbu fl-UE wara l-2002 biex isostnu u jżidu l-isforzi tagħhom biex jiksbu 0.17% ta' ODA/ DGN b'mod individwali sa l-2010.

3. L-IMPENN DWAR SORSI INNOVATTIVI TA' FINANZJAMENT

Fl-2005, il-Kunsill qies l-iktar għażliet promettenti għal sorsi innovattivi ta' finanzjament għall-iżvilupp fuq il-bażi ta' analiżijiet tekniċi pprovduti mill-Kummissjoni.⁷ Bħala riżultat ta' dan il-proċess, żewġ proposti ngħataw l-appoġġ ta' wħud mill-SM:

- **Il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament (IFF) għall-Immunizzazzjoni (IFF-Im)**, li ġiet immedija f'Settembru 2005 minn Franza, mill-Italja, minn Spanja, mill-Iżvezja u mir-Renju Unit bħala mekkaniżmu biex imexxi 'l quddiem fiż-żmien riżorsi li jkunu diġà ġew imwiegħda lill-pajjiżi msieħba għall-programmi ta' immunizzazzjoni, tinvolvi impenn ta' €3.3 biljun tul għaxar snin; l-ewwel flasijiet huma mistennija għall-2006;
- **Levy ta' solidarjetà fuq il-biljetti ta' l-ajru** biex ikun iffaċilitat il-finanzjament ta' l-impenji eżistenti ta' l-ODA, b'mod partikolari għal proġetti fis-settur tas-saħħa: Ir-Renju Unit indika li parti mid-Dazju fuq il-Passiġġier ta' l-Ajru għandha tkun indirizzata għall-finanzjament ta' l-iżvilupp. Franza ddeċidiet li tintroduċi taxxa fuq il-biljetti ta' l-ajru minn Lulju 2006 u tistma li se tiġbor madwar €210 miljun fis-sena.

Fi Frar 2006, grupp ta' ħidma tekniku tad-dipartimenti tal-Kummissjoni u ta' l-SM dwar il-finanzjament innovattiv żvela li l-implimentazzjoni ta' l-inizjattivi li qegħdin jitħejjew jista' jkollha effetti pożittivi fuq kemm l-SM huma lesti li jissieħbu fi, jew imexxu 'l quddiem, proposti ta' finanzjament innovattiv għall-iżvilupp.

L-irbit ta' sorsi ġodda ta' finazi ma' kwistjonijiet u miri speċifiċi jista' jwassal għal aktar fondi u programmi vertikali u bbażati fuq il-kwistjonijiet li jeħtieġu ukoll is-sjeda tal-pajjiż.

L-għan li jiġu mmobilizzati sorsi ta' finanzjament addizzjonali u aktar stabbli jrid jiggwida d-diskussjoni ġenerali dwar il-finanzjament innovattiv u dwar il-modalitijiet ta' l-għajnuna u, tul perjodu medju ta' żmien, għandu jwassal biex ikun provdut finanzjament aktar prevedibbli.

F'dan l-isfond **il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill** għandu jkompli jqis sorsi innovattivi ta' finazi, inkluż permezz tal-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-inizjattivi korrenti.

4. L-IMPENN BIEX JITTAFFA D-DEJN

L-avveniment prinċipali dwar id-dejn fl-2005 kienet il-proposta tal-G8 biex jitħassar id-dejn tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), tal-Bank Dinji (WB) u tal-Bank ta' l-Iżvilupp

⁷ "New Sources of Financing for Development: A Review of Options" ("Sorsi Ġodda ta' Finanzjament għall-Iżvilupp: Reviżjoni ta' l-Għażliet") SEC(2005) 467 tal-05.04.2005; "An analysis of a possible contribution based on airline tickets as a new source of financing development" ("Analiżi ta' kontribuzzjoni possibbli bbażata fuq il-biljetti ta' l-ajru bħala sors ġdid ta' finanzjament għall-iżvilupp") SEC(2005) 733 tal-15.06.2005; "A possible contribution based on airline tickets as a new source of financing development: technical reflections in the run up to the UN High Level Event" ("Kontribuzzjoni possibbli bbażata fuq il-biljetti ta' l-ajru bħala sors ġdid ta' finanzjament għall-iżvilupp: riflessjonijiet tekniċi fit-tħejjija għall-Avveniment ta' Livell Għoli tan-NU") SEC(2005) 1067 ta' l-01.09.2005.

Afrikan li għad baqa' f'pajjiżi li jkunu laħqu l-Punt ta' l-Ikkompletar ta' l-HIPC. Din l-Inizjattiva Multilaterali biex Jittaffa d-Dejn (MDRI) kienet approvata uffiċjalment mill-Laqqha Annwali ta' l-Istituzzjonijiet Internazzjonali tal-Finanzi f'Settembru 2005 u issa qiegħda titħaddem mit-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati. Il-pajjiżi li jibbenefikaw minn dan it-tnaqqis addizzjonali tad-dejn għalhekk probabbilment se jilħqu s-sostenibilità tad-dejn ta' perjodu twil ta' żmien.

5. L-IMPENNI DWAR L-EFFETTIVITÀ TA' L-GĦAJNUNA

Mill-2004 kemm l-UE kif ukoll il-komunità tad-donaturi b'mod ġenerali – flimkien mal-pajjiżi benefiċjarji – qablu dwar tliet konkret ta' l-effettività ta' l-għajnuna. Din is-sena, kemm irnexxilna nonoraw dawn l-impenji se jiġi għudikat skond il-grad ta' implimentazzjoni ġenwina.

Il-Kummissjoni għandha rwol attiv fl-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'saħħtu għall-għanijiet u għall-indikaturi tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi. Meta wieħed iqis id-dewmien biex dik l-għodda ta' kontroll tiġi ffinalizzata, huwa essenzjali li dan il-proċess isib il-livell ta' ħidma tiegħu fl-2006, mingħajr ma jittaffew l-impenji, sabiex jinżamm ir-ritmu tar-riformi meħtieġa.

Fil-futur dan ir-rapport dwar il-progress se jivvaluta l-istatus ta' l-impenji ta' l-UE stess, li ġew irreġistrati waqt il-Forum ta' Livell Għoli ta' Pariġi. **Pjan ta' Azzjoni** komprensiv **dwar l-effettività ta' l-għajnuna ta' l-UE** jiġbor flimkien disa' miri li jistgħu jintlaħqu li l-UE se jkollha tiżviluppa aktar fl-2006 u li se timplimenta fil-qasam sa l-2010.⁸

Il-Kunsill ripetutament enfasizza l-ħtieġa biex tittejjeb il-komplementarjetà ta' l-attivitajiet tagħna billi jittejjeb it-tqassim tax-xogħol tagħna, bħala komponent prinċipali biex tittejjeb l-effettività ta' l-għajnuna ta' l-UE. Għalkemm ir-riorganizzazzjoni ta' attivitajiet kontinwi hija diffiċli, hija kruċjali minħabba ż-żjieda ta' l-għajnuna pjanata u teħtieġ sforz miftiehem. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE jirrispondi għal dawn l-isfidi.

Effettività ta' l-għajnuna mtejjba teħtieġ sforzi kemm mill-pajjiżi msieħba kif ukoll mid-donaturi: Il-pajjiżi msieħba jeħtieġ li jkollhom sistemi ta' xiri u ġestjoni tal-finanzi pubbliċi li jissodisfaw l-istandards internazzjonali. Id-donaturi jeħtieġ li jesploraw modi li bihom, fin-nuqqas ta' sistemi armonizzati, ikunu jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet. Il-Kummissjoni, billi tirrikorri dejjem aktar għall-appoġġ tal-baġit u tas-settur, permezz ta' arranġamenti kuntrattwali semplifikati għall-organizzazzjonijiet internazzjonali u permezz ta' proposti biex jiġi ssemplifikat il-qafas regolatorju leġiżlattiv tagħha, qiegħda tagħmel progress skond l-obbligi tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi. Barra dan, limiti proċedurali u legali korrenti għall-għajnuna tal-KE f'relazzjoni mal-finanzjament ta' pjan sħiħ aktar milli ta' attivitajiet individwali (*basket funding*) u mal-ko-finanzjament m'għandhomx jippersistu aktar lil hinn mill-2006 għall-istrumenti l-ġodda taħt il-perspettiva finanzjarja 2007-2013 u lil hinn mill-2007 għall-EDF.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex:

⁸ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "EU aid: delivering more, better and faster" ("Għajnuna ta' l-UE: inwettqu iktar, aħjar u iktar malajr") COM(2006) 87.

- jappoġġja t-twaqqif ta' proċessi ta' monitoraġġ b'saħħithom sa l-aħħar ta' l-2006, kemm fi ħdan il-kuntest tad-DAC kif ukoll fuq il-livell ta' l-UE;
- jappoġġja t-twaqqif ta' regoli dwar l-għajjnuna tal-KE li jiffavorixxu l-ko-finanzjament ma' Stati Membri u ma' donaturi oħrajn, taħt l-istrumenti ta' kooperazzjoni l-ġodda tal-baġit tal-KE għall-perjodu 2007 – 2013 u taħt l-Għaxar EDF;
- jaqbel li jfannad iktar il-metodu tiegħu lejn komplementarjetà operattiva, permezz ta' l-adozzjoni tal-prinċipji għal tqassim tax-xogħol imtejjeb;
- jaqbel dwar strateġija miftiehma ta' l-UE, imfassla f'kuntest iktar wiesa', biex tiġi indirizzata ż-żjieda ta' l-għajjnuna ta' l-UE, imdaħħla fl-effettività ta' l-għajjnuna u fit-tqassim tax-xogħol;
- japprova uffiċjalment, fl-2006, it-twettiq li jinsab fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effettività ta' l-Għajjnuna ta' l-UE u l-għanijiet tiegħu għall-implimentazzjoni progressiva ta' dak it-twettiq fil-qasam sa l-2010.

6. L-IMPENN BIEX JINĦOLQU MEKKANIŻMI TA' GĦAJNUNA IKTAR PREVIDIBBLI U INQAS INSTABBLI

Għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li għandhom l-aħjar rendiment, qafas ta' rotazzjoni fuq numru ta' snin u verifika inqas frekwenti tal-kondizzjonalità huma elementi essenzjali biex tinkiseb aktar prevedibbiltà fil-ħlasijiet għall-appoġġ tal-baġit. Madankollu, filwaqt li numru ta' SM semmew l-appoġġ tal-baġit bħala l-istrument ta' l-għajjnuna li jippreferu, il-Portugall u r-Renju Unit biss jidheru li huma lesti li jmorru għal **appoġġ multiannwali tal-baġit b'reviżjoni tal-kondizzjonalità ta' inqas minn darba fis-sena** fis-sens indikat mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-24 ta' Mejju, 2005. Grupp ta' ħidma tekniku organizzat mill-Kummissjoni fi Frar 2006 b'rispons għall-istedina tal-Kunsill biex jiġu elaborati proposti għal mekkaniżmu ġdid ta' appoġġ tal-baġit għal perjodu twil ta' żmien⁹ li għandu fil-mira l-pajjiżi bl-aħjar rendiment, żvela wkoll fehmiet diverġenti fost l-SM. Madankollu, l-SM qablu dwar l-importanza li tiġi żgurata għajjnuna iktar prevedibbli u esprimew interess fl-ideat imressqa mill-Kummissjoni għal **“kuntratt ta' l-MDG”** multiannwali li għandu jiffoka fuq il-pajjiżi b'rendiment tajjeb u li joffri garanziji ikbar ta' finanzjament prevedibbli bħala skambju ma' ppjanar, monitoraġġ u rendiment imtejjeb minn benefiċjarji fir-rigward ta' l-MDG. Il-Kummissjoni se tanalizza iktar fil-fond din il-kwistjoni, inkluż permezz ta' gruppi ta' ħidma informali ma' esperti minn SM interessati, donaturi li jaħsbuha l-istess u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

7. IT-TNAQQIS TA' L-EFFETTI TA' L-IMPATTI ESTERNI

L-UE miexja sew u skond il-kalendarju pre-stabbilit fl-impenn tagħha biex tappoġġja l-operazzjonalizzazzjoni ta' skemi ta' assigurazzjoni bbażati fuq is-suq biex itaffu l-effetti negattivi ta' l-impatti esterni fuq l-ekonomiji ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw. Permezz tal-Fond

⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22.11.2005 *“Orientation Debate on the Effectiveness of EU External Action”* (*“Dibattitu ta' Orjentazzjoni dwar l-Effettività ta' l-Azzjoni Esterna ta' l-UE”*) (dok. 14821/05 DEVGEN230 RELEX 679).

Ewropew għall-Iżvilupp (EDF), il-Kummissjoni assenjat € 25 miljun b'appoġġ għall-**Faċilità ta' l-Assigurazzjoni ta' l-Indiċi Globali (GIIF)**, li kienet qed titħejja mill-WB matul l-2005. Il-GIIF se tinkludi faċilità ta' riassigurazzjoni li tippermetti kopertura ta' l-assigurazzjoni fuq riskji ta' prezzijiet indiċjabbli li huma relatati mat-temp, mad-diżastri u mal-prodotti bażiċi f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u mistennija li tkun operattiva sa nofs l-2006. Minbarra l-interessi strettament kummerċjali, il-pussess ta' ishma fil-GIIF x'aktarx se jinkludi banek ta' żvilupp bħall-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB) u l-Kumpanija Ġermaniża għall-Investment u l-Iżvilupp (DEG). Il-parteċipazzjoni attiva mill-SM fit-**Task Force Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tar-Riskji tal-Prodotti Bażiċi** se tkun essenzjali biex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-metodi ta' ġestjoni tar-riskji.

Wara diskussjonijiet mal-grupp ta' l-ACP dwar **Faċilità tad-Diżastri Naturali ta' l-UE u ta' l-ACP** il-Kummissjoni issa wkoll qiegħda tipproċessa proposta ta' finanzjament għall-bini ta' kapaċitajiet fil-prevenzjoni tad-diżastri/fl-istat ta' tħejjija għalihom fir-reġjuni ta' l-ACP, b'baġit ta' €12 miljun mid-disa' EDF. Se tiġi diskussa t-tieni fażi ma' l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fil-kuntest tat-tħejjija ta' l-għaxar EDF, sabiex din il-kwistjoni tiġi inkluża fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż u tar-Reġjun, b'mod partikolari għall-pajjiżi u għar-reġjuni li għandhom it-tendenza li jintlaqtu mid-diżastri.

Fid-dawl ta' inizjattivi oħrajn li saru fl-2005 biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi ta' l-impatti esterni (inkluż **l-iskedar mill-ġdid tad-djun wara t-tsunami** mill-Klabb ta' Pariġi u **l-Faċilità ta' l-Impatti Esterni mill-IMF**) u l-kontinwazzjoni ta' mekkaniżmi eżistenti (il-**FLEX** għall-pajjiżi ta' l-ACP), huwa dejjem iktar importanti li d-diversi strumenti għandhom ikunu koordinati sew u għandhom jipprovdu risponsi komplementari għall-impatti. Barra dan, il-komunità internazzjonali għandha tiżgura li r-risponsi jkunu rapidi, ta' min joqgħod fuqhom u jkollhom l-għerūq tagħhom fi strateġija li tagħti attenzjoni adegwata lill-ippjanar għall-prevenzjoni tar-riskji u biex ir-riskji jittaffew. Il-vulnerabbiltà għall-impatti esterni tista' tiġi inkluża bħala kriterju għall-allokazzjoni ta' għajjnuna għall-iżvilupp mill-KE u mill-SM filwaqt li l-ġestjoni ta' l-impatti għandha tiżgura li kwalunkwe għajjnuna addizzjonali tkun anti-ċiklika.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex jikkontribwixxi **għas-sostenn tal-Faċilità ta' l-Assigurazzjoni ta' l-Indiċi Globali (GIIF)** sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-istrumenti ta' l-assigurazzjoni li huma bbażati fuq is-suq.

8. L-IMPENN BIEX JINĦALL L-IRBIT TA' L-GĦAJNUNA

Il-maġġoranza ta' l-SM li huma membri tad-DAC ħallew għalkollox l-irbit ta' l-għajjnuna bilaterali tagħhom u 40% ta' l-oħrajn qed iqisu jekk jiftħux aktar l-aċċess għall-għajjnuna għall-iżvilupp tagħhom lil hinn mil-livell korrenti biex jinħall l-irbit.

Barra dan, iktar min-nofs l-SM neħħew kwalunkwe kondizzjoni li hija marbuta mat-tqassim tal-fondi tagħhom permezz tal-korpi tan-NU jew permezz ta' l-NGOs, inklużi diversi SM ġodda. Barra dan, terz mill-SM stabbilew sistema ta' preferenzi lokali mmirata biex jinħolqu kapaċitajiet lokali u jiġu rinforzati s-swieq lokali.

F'Diċembru 2005, il-KE **adottat żewġ regolamenti li jiftħu l-aċċess għall-għajnuniet esterni kollha mill-KE**. Iktar minn żewġ terzi ta' l-għajjnuna tal-KE li nġhatat permezz ta' srtrumenti ġeografiċi jew tematiċi fil-biċċa l-kbira issa hija maħlula. Il-parti ta' l-għajjnuna li

baqa' se tinħall lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u lid-donaturi kollha hekk u meta huma jħollu l-għajnuna tagħhom.

L-SM kollha ta' l-UE qablu li **jestendu** iktar **l-ambitu** tar-rakkomandazzjoni ta' l-OECD/tad-DAC dwar li **jinħall l-irbit ta' l-għajnuna lill-pajjiżi inqas żviluppati (LDCs)** u għamlu sejħa biex l-irbit ta' l-għajnuna għall-ikel u t-trasport ta' għajnuna għall-ikel jinħallu għalkollox. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-progress għadu qed jiġi mfixkel minn metodi kummerċjali negattivi sponsorjati minn donaturi oħrajn.

Il-Kummissjoni ttenni d-dmir tagħha li tiżgura l-konsistenza tas-Suq Uniku u r-rieda tagħha li timmonitorja, skond it-Trattat, l-aċċess ta' l-SM kollha għal-ksib pubbliku f'SM oħrajn, inkluż fil-qasam ta' l-iżvilupp.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jippromwovi l-proċess li jinħall aktar l-irbit ta' l-għajnuna ta' l-ikel u tat-trasport ta' l-għajnuna ta' l-ikel, skond il-mandat ta' negozjar li kien adottat fid-dawl tar-reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' Londra.

9. IL-ĠID PUBBLIKU INTERNAZZJONALI (IPG)

L-impenn dwar l-IPG huwa marbut mad-disponibilità u mal-kontenut tar-rapport finali tat-Task Force dwar il-Ġid Pubbliku Globali. Ħafna SM u l-Kummissjoni jqisu li t-Task Force tat-kontribut siewi biex jitkabbar id-dibattitu u jitqajjem għarfien dwar il-Ġid Pubbliku Internazzjonali, jiddispjaċihom għad-dewmien fil-ħruġ tar-rapport finali u jistennew bil-ħerqa d-disponibilità finali tiegħu. Il-Kummissjoni tinnotta wkoll li l-impenni ambizzjużi l-ġodda għall-iżvilupp, b'mod partikolari dawk li saru mill-UE (speċjalment il-volumi miżjuda ta' l-ODA u l-“Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp”) kienu akkumpanjati minn interess li qed jonqos fil-metodu ta' l-IPG, b'mod speċjali fid-dimensjoni finanzjarja tiegħu. F'dan l-isfond il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex isejjaħ lit-Task Force Internazzjonali dwar il-Ġid Pubbliku Globali biex minnufih toħroġ ir-rapport finali tagħha .

10. IR-RIFORMA TA' L-ISTITUZZJONIJET FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

Il-maġġoranza vasta ta' l-SM huma favur **dikjarazzjonijiet konġunti iktar sistematiċi** mir-rappreżentanti **ta' l-SM ta' l-UE** fuq il-Bordijiet li Jirregolaw l-IFIs u ta' **mekkaniżmu ta' koordinazzjoni** iktar formali **fost l-SM ta' l-UE** għall-kwistjonijiet tal-WB li jkunu ta' importanza strateġika għall-UE.

Billi tippreżenta **dikjarazzjonijiet konġunti** kemm jista' jkun ta' spiss, l-UE se żżid il-viżibilità u l-influwenza tagħha fl-IFIs, b'konformità mal-“Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp” u ma' l-istrateġija ta' l-UE għall-Afrika. Il-Kummissjoni ħolqot netwerk bejn is-servizzi biex issostni dan il-proċess.

L-SM urew ukoll sodisfazzjoni ġenerali għall-**koordinazzjoni** informali mtejbja ta' l-UE bejn **id-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE** ta' l-IMF u tal-WB f'Washington; din ħadet l-għamla ta' **laqgħat regolari ta' koordinazzjoni** fejn il-Kummissjoni tipparteċipa b'mod attiv. Billi l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (EFC) stabbilixxa sottokumitat biex jikkoordina l-pożizzjoni ta' l-UE dwar kwistjonijiet ta' l-IMF u dawk kwistjonijiet relatati (SCIMF), m'hemm l-ebda mekkaniżmu ta' koordinazzjoni formali bħal din għall-kwistjonijiet tal-WB. Iż-żjarat annwali tad-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE mill-WB fl-istituzzjonijiet ta' l-UE

għandhom effett katalitiku fuq il-kooperazzjoni. Għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi simili sabiex tittejjeb il-koerenza ta' l-UE fost **id-Diretturi Eżekuttivi mill-Banek ta' l-Iżvilupp Reġjonali**, fejn is-sehem kollettiv ta' l-UE huwa sinifikanti, bħall-Bank ta' l-Iżvilupp Afrikan, Il-Bank ta' l-Iżvilupp Asjatiku u l-Bank ta' l-Iżvilupp Inter-Amerikan. Il-Kummissjoni dalwaqt se torganizza **żjara tad-Diretturi Eżekuttivi tal-Banek ta' l-Iżvilupp Reġjonali** lill-istituzzjonijiet Ewropej.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- jappoġġja l-ħolqien ta' **mekkaniżmu informali ta' koordinazzjoni bejn id-Diretturi Eżekuttivi Ewropej mill-Banek ta' l-Iżvilupp Reġjonali**, f'assoċjazzjoni mal-Kummissjoni, fejn is-sehem kollettiv ta' l-UE huwa sinifikanti, b'mod simili għall-prattika eżistenti fil-Bank Dinji;
- jiżgura li l-laqgħat ta' koordinazzjoni ta' l-UE, bil-parteciċipazzjoni tar-rappreżentanti mill-Kummissjoni, isiru b'mod sistematiku qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet importanti mill-Bordijiet ta' l-IFIs, fejn is-sehem ta' l-UE huwa sinifikanti.
- jippromwovi **iktar trasparenza** bejn id-Diretturi Eżekuttivi u l-Kummissjoni, billi, bħala l-ewwel pass, jittrażmetti lill-Kummissjoni d-dokumenti tal-Bord ta' l-IMF, tal-WB u tal-banek ta' l-iżvilupp reġjonali fil-ħin u b'mod regolari.

11. IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP

Wara l-Kunsill ta' Mejju 2005 l-UE kompliet tfannad l-impenji tagħha dwar l-Għajnuna Marbuta mal-Kummerċ (TRA). Fis-Samit tal-G8 il-President tal-Kummissjoni Barroso wiegħed li se jżid l-għajnuna tal-KE għall-kummerċ għal €1 biljun fis-sena. F'Diċembru 2005 il-Kunsill¹⁰ qabel li l-SM se jagħmlu hilitom biex b'mod kollettiv iżidu t-TRA tagħhom għal €1 biljun fis-sena sa l-2010. Il-kontribuzzjoni kombinata ta' l-UE għalhekk għandha tilħaq €2 biljun. L-SM u l-KE wiegħdu wkoll li jipprovdu finanzjament adegwat u prevedibbli ta' **Qafas Integrat (IF)** imtejjeb u msaħħaħ, b'€10 miljun jiġu assenjati bħala l-kontribuzzjoni tal-KE għall-IF imtejjeb. Il-Kummissjoni hija lesta li teżamina l-possibiltajiet biex ikun hemm ippuljar tal-fondi ta' l-SM u tal-KE sabiex tittejjeb l-effettività tat-TRA, u se tirrorvedi, f'edizzjonijiet futuri ta' dan ir-rapport, ir-rendiment tal-Kummissjoni u ta' l-SM dwar dawn l-impenji.

Wara d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-WTO f'Hong Kong se titwaqqaf Task Force dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ, fejn il-Kummissjoni biħsiebha taħdem biex issostni b'mod deċiż l-aġenda ta' "l-għajnuna għall-kummerċ", f'koordinazzjoni ma' l-SM u bl-użu ta' kanali stabbiliti.

L-evalwazzjoni tal-koordinazzjoni ta' l-UE dwar it-TRA ta' l-2005-06 tikkonkludi li l-Grupp Informali ta' Esperti ta' l-UE dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp jibqa' l-għodda prinċipali fuq il-livell tal-kwartieri ġenerali għall-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-SM. Sejbiet prinċipali oħrajn jinkludu: l-iskambju ta' informazzjoni tal-kwartieri ġenerali jsir l-aktar mill-

¹⁰ "Aid for Trade" ("Għajnuna għall-Kummerċ") Dokument tal-Kunsill 15579/05 DEVGEN 250 RELEX 748 tad-09.12.2005.

Kummissjoni għall-SM u mhux bil-kontra; il-koordinazzjoni fi ħdan il-pajjiż hija proċess ferm *ad hoc*, li rnexxielu jevita li jkun hemm duplikazzjoni, imma għad irid jimmatura f'rispons strateġiku komuni għall-ħtiġijiet tat-TRA; uħud mill-SM jikkontribwixu biex isawru inizjattivi multilaterali, imma m'hemm l-ebda strateġija konġunta ta' l-UE dwar inizjattivi bħal dawn.

F'dan l-isfond il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- **jimplimenta l-konklużjonijiet dwar l-“Għajnuna għall-Kummerċ”**, b'mod partikolari billi l-SM jimxu b'mod effettiv u fil-ħin mal-miri tal-volumi ta' għajnuna tat-TRA sa l-2010; jaħdem biex ikun hemm attivita' ta' infrastruttura li hija relatata mal-kummerċ li tkun iktar effettiva u mkabbra; jappoġġja IF imtejjeb; u jipprovdi għajnuna kredibbli biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament tal-kummerċ;
- jikkontribwixxi għall-**inklużjoni mtejba tal-kummerċ fi strateġiji għat-tnaqqs tal-faqar u għall-iżvilupp**; juża valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet kummerċjali b'mod sistematiku u, safejn ikun possibbli, b'mod konġunt għall-ipprogrammar tat-TRA;
- **ikompli jtejjeb l-isforzi ta' koordinazzjoni ta' l-UE fuq il-livell tal-kwartieri ġenerali u fuq dak lokali**; fuq il-livell ta' kwartieri ġenerali, il-Grupp Informali ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jintuża b'mod aktar sistematiku sabiex ikun hemm qsim ta' informazzjoni u ta' l-aħjar Prattika; fuq il-livell lokali l-IF imtejjeb jew, fejn ikun applikabbli, il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet kummerċjali għandu jinkludi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni b'saħħtu; u jipprovdi informazzjoni fil-ħin u b'mod sħiħ dwar l-impenji tat-TRA lill-Bażi tad-Data ta' Doha.

12. KONKLUŻJONIJIET

Wara l-isforzi straordinarji li daħlet għalihom l-UE fl-2005 biex tikkontribwixxu għal riżultat pożittiv tas-Samit tan-NU billi tistabbilixxi impenji ġodda u ambizzjużi u billi ssaħħaħ il-qafas ta' l-UE permezz tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp u l-istrateġija ta' l-UE u ta' l-Afrika, issa ingħata bidu għat-twettiq ta' dawn il-wegħdiet. L-UE, għalkemm b'xi diffikultajiet, qiegħda turi sinjali li hija lesta biex tilħaq il-miri intermedji ta' l-ODA tagħha ta' l-2006. Biex taħdem għall-miri ta' l-2010 se jkunu meħtieġa sforzi supplementari u azzjoni kredibbli sostnuta mill-opinjoni pubblika. Għandha tissaħħaħ il-komunikazzjoni dwar l-attivitá ta' żvilupp ta' l-UE. Uħud mill-SM qegħdin jintroduċu sorsi innovattivi ta' finanzjament, filwaqt li l-Inizjattiva Multilaterali biex Jittaffa d-Dejn tirrispondi għat-tħassib ta' l-UE dwar is-sostenibilitá tad-dejn tal-pajjiżi l-fqar. Issa jrid ikun hemm ftehim dwar miri konkreti li jistgħu jintlaħqu li jikkonċernaw l-effettivitá ta' l-għajnuna, bħal ngħidu aħna l-qafas konġunt ta' l-UE għall-istrateġiji tal-pajjiżi¹¹ u l-Pjan ta' Azzjoni.

¹¹ “Increasing the impact of EU aid: a common framework for drafting country strategy papers and joint multiannual programming” (“Iż-żjieda ta' l-impatt ta' l-għajnuna ta' l-UE: qafas komuni għall-abbozzar ta' dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż u għal ipprogrammar multiannwali konġunt”) COM(2006) 88; “EU Aid: Delivering more, better and faster” (“L-Għajnuna ta' l-UE: Inwettqu iktar, aħjar u iktar malajr”) COM(2006) 87.

L-ANNESS

SOMMARJU TA' L-IMPENJI RIVEDUTI TA' L-UE

DWAR IL-FINANZJAMENT GĦALL-IŻVILUPP U L-EFFETTIVITA TA' L-GĦAJNUNA TA' L-2005

Silta mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp ta' l-24 ta' Mejju 2005, li tinkludi referenzi għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp ta' l-14 ta' Marzu 2002, ikkomplimentati mill-Konklużjonijiet tal-Kunsilli tad-9 ta' Diċembru 2005 dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ

1. L-ODA

1.1 Żjieda fil-volumi ta' l-ODA lil hinn mill-2006: “Hemm hteġa urġenti għal żjieda fl-ODA biex jinkisbu l-MDGs. Fil-kuntest ta' li jintlaħaq l-impenn eżistenti li tinkiseb il-mira ta' l-ODA miftiehma b'mod internazzjonali ta' 0.7% ta' ODA/DGN, l-UE tinnota b'sodisfazzjoni li l-SM tagħha mexjin skond il-kalendarju stabbilit biex tinkiseb il-mira ta' 0.39% fl-2006 għall-volumi ta' l-ODA li huma inklużi fl-impenji ta' Barċellona. Bħalissa, erbgħa mill-ħames pajjiżi, li jeċċedu l-mira tan-NU għall-ODA ta' 0.7%, tad-DGN huma Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Ħamsa oħra ntrabtu bi programm biex jilhqqu din il-mira. Waqt li terġa' tafferma d-determinazzjoni tagħha biex jintlaħqu dawn il-miri, l-UE taqbel dwar mira kollettiva ġdida ta' l-UE ta' 0.56 % ta' ODA/DGN sa l-2010, li għandha tirriżulta f'€ 20 biljun addizzjonali fis-sena ta' ODA sa dak iż-żmien.

- i. L-Istati Membri, li għadhom ma laħqux livell ta' 0.51% ta' ODA/DGN, jimpenjaw irwieħhom li jilhqqu, fi ħdan il-proċessi ta' allokazżjoni tal-baġit rispettivi tagħhom, dak il-livell sa l-2010, filwaqt li daww li diġà qegħdin 'il fuq minn dak il-livell jimpenjaw irwieħhom li jkomplu jsostnu l-isforzi tagħhom;
- ii. L-Istati Membri, li ssieħbu fl-UE wara l-2002, u li ma laħqux livell ta' 0.17 % ta' l-ODA/DGN, iridu jagħmlu hilitom biex iżidu l-ODA tagħhom ħalli jilhqqu, fi ħdan il-proċessi ta' allokazżjoni tal-baġit rispettivi tagħhom, dak il-livell sa l-2010, filwaqt li daww li diġà qegħdin 'il fuq minn dak il-livell jimpenjaw irwieħhom li jkomplu jsostnu l-isforzi tagħhom;
- iii. L-Istati Membri jintrabtu li jiksbu l-mira ta' 0.7% ta' ODA/DGN sa l-2015 filwaqt li daww li kisbu dik il-mira jimpenjaw irwieħhom li jibqgħu 'il fuq minn dik il-mira; l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-2002 se jagħmlu hilitom biex sa l-2015 iżidu l-ODA/DGN tagħhom għal 0.33%.”

1.2 L-attenzjoni ffokata fuq l-Afrika: “L-UE se żżid l-għajnuna finanzjarja tagħha għall-Afrika Sub-Saħarjana u se tipprovdi b'mod kollettiv għall-inqas 50% taż-żjieda miftiehma fir-riżorsi ta' l-ODA lill-kontinent filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali ta' l-Istati Membri fl-għajnuna għall-iżvilupp.”

1.3 Il-mira ta' l-ODA ta' l-2006 (Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2002): “...daww l-Istati Membri li għadhom ma laħqux il-mira ta' 0.7% jimpenjaw irwieħhom – bħala l-ewwel pass sinifikanti - li b'mod individwali jżidu l-volum ta' l-ODA tagħhom ... fi ħdan il-proċessi ta' allokazżjoni tal-baġit rispettivi tagħhom,, sabiex tintlaħaq b'mod

kollektiv medja ta' l-UE ta' 0.39% sa l-2006. Minħabba dan il-għan, l-Istati Membri ta' l-UE kollha fi kwalunkwe każ se jagħmlu hilitom biex jilhq, fi ħdan il-proċessi tal-baġit rispettivi tagħhom, għall-inqas 0.33% ta' ODA/DGN sa l-2006.”

2. IS-SORSI INOVATTIVI TA' FINANZJAMENT

“Il-Kunsill se jkompli jqis l-iktar għażliet promettenti għal sorsi innovattivi ta' finanzjament għall-iżvilupp, sabiex jiżiedu r-riżorsi li huma disponibbli b'mod sostenibbli u prevedibbli. Jinnota l-intenzjoni ta' wħud mill-Istati Membri li jintroduċu levy ta' solidarjetà fuq il-biljetti ta' l-ajru”.

3. ID-DEJN

“L-UE tibqa' impenjata li ssib soluzzjonijiet, f'kooperazzjoni ma' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, għal piżijiet ta' djun li mhumiex sostenibbli, u hija impenjata li timplimenta b'mod sħiħ l-inizjattiva mtejba tal-HIPC. Se jkun vitali li jkun hemm ftehim dwar l-ambitu u l-modalitajiet biex jittaffa aktar id-dejn b'mod multilaterali sabiex tkun żgurata sostenibilità tad-dejn għal perjodu twil ta' żmien b'metodu ta' każ b'każ.

L-UE se tkompli u se ttejjeb l-isforzi tagħha biex terġa' tintroduċi u żżomm is-sostenibilità tad-dejn, ibbażati fuq metodu ta' każ b'każ, inkluż

(a) li tesplora l-possibiltajiet ta' mekkaniżmi għal sospensjoni temporanja tal-manutenzjoni tad-djun għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkunu affettwati minn impatti esterni;

(b) miżuri speċifiċi għal pajjiżi li jkunu għadhom kemm haġu minn xi konflitt b'arretrati esterni li, għalhekk, għadhom ma ssodisfawx il-kriterji ta' l-inizjattiva tal- HIPC.”

4. L-EFFETTIVITA TA' L-GĦAJNUNA

“L-UE se tkompli u se ttejjeb l-isforzi tagħha biex terġa' tintroduċi u żżomm is-sostenibilità tad-dejn, ibbażati fuq metodu ta' każ b'każ, inkluż

(a) li tesplora l-possibiltajiet ta' mekkaniżmi għas-sospensjoni temporanja tal-manutenzjoni tad-djun għal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkunu affettwati minn impatti esterni;

(b) miżuri speċifiċi għal pajjiżi li jkunu għadhom kemm haġu minn xi konflitt b'arretrati esterni li, għalhekk, għadhom ma ssodisfawx il-kriterji ta' l-inizjattiva tal-HIPC.

Bi ttejjija għall-Forum ta' Livell Għoli ta' Pariġi, fit-22 ta' Novembru 2004, il-Kunsill adotta rispons komprensiv ta' l-UE bir-rapport dwar *'Advancing coordination, harmonisation and alignment'* ('Progress fil-koordinazzjoni, fl-armonizzazzjoni u fl-allinjament'). L-UE se tiżgura l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet konkreti li huma inklużi fih, inkluż qafas iktar effettiv għall-għajnuna għall-iżvilupp fuq il-livell ta' l-UE u tqassim tax-xogħol u komplementarjetà fuq il-livell ta' pajjiż fil-kuntest ta' pprogrammar multiannwali u konġunt ibbażat fuq l-istrateġiji tal-pajjiż imsieħeb għat-tnaqqis tal-faqar.

L-UE hija impenjata bis-sħiħ għal implimentazzjoni f'waqtha u għal monitoraġġ tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività ta' l-Għajnuna li jinkludi l-iffissar ta' miri li jistgħu jiġu monitorati għall-2010 u l-impenni speċifiċi ta' l-UE li kienu adottati fil-Forum ta' Pariġi.”

5. MEKKANIŻMI IKTAR PREVEDIBBLI U INQAS INSTABBLI

“Sabiex ikun hemm rispons aħjar għall-ħtieġa ta’ riżorsi stabbli u minħabba ż-żjodiet mistennija fil-flussi ta’ l-ODA, l-UE għandha tiżviluppa mekkaniżmi ta’ għajjuna ġodda, li jkunu iktar prevedibbli u inqas instabli. Mekkaniżmi bħal dawn jistgħu jikkonsistu fil-provvista ta’ livell minimu ta’ għajjuna baġitarja żgurata f’perspettiva għal perjodu medju ta’ żmien u marbuta mar-rendiment tal-politika fil-pajjiżi imsieħba b’mod partikolari f’relazzjoni ma’ l-impenn lejn il-kisba ta’ l-MDGs fl-istrateġiji nazzjonali tat-tnaqqis tal-faqar..”

6. L-IMPATTI ESTERNI

“Sabiex jittaffa l-effett ta’ l-impatti esterni, inklużi l-vulnerabilità tal-prezzijiet, fuq l-ekonomiji tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-UE se ssostni l-operazzjonalizzazzjoni ta’ skemi ta’ assigurazzjoni bbażati fuq is-suq u se tesplora l-possibiltajiet għal sospensjoni temporanja tal-manutenzjoni tad-djun fuq bażi ta’ każ b’każ. Barra dan, l-UE se ssaħħa u se ttejjeb l-aċċess għall-mekkaniżmi finanzjarji eżistenti bħal dawk provduti fil-Ftehim ta’ Cotonou (FLEX) biex tingħata kopertura għal perjodu qasir ta’ żmien kontra l-effett ta’ impatti bħal dawn fuq id-dħul tal-pajjiżi.”

7. JINĦALL L-IRBIT TA’ L-GĦAJNUNA

“Li tkun indirizzata l-isfida li jinħall l-irbit ta’ l-għajjuna billi jkun adottat, malajr kemm jista’ jkun, fuq il-bażi tal-proposta tal-Kummissjoni, regolament dwar l-aċċess għal għajjuna esterna ta’ l-UE; l-UE se tappoġġja dibattiti kontinwi fuq il-livell internazzjonali dwar li jinħall aktar l-irbit ta’ l-għajjuna lil hinn mir-rakkomandazzjonijiet eżistenti ta’ l-OECD/tad-DAC.”

8. IL-ĠID PUBBLIKU INTERNAZZJONALI (IPGs)

“L-eżami, fuq il-bażi tar-rapport tat-Task Force dwar il-Ġid Pubbliku Globali, tal-possibiltajiet li, sa l-2006, jiġi stabbilit Pjan ta’ Azzjoni fuq il-livell ta’ l-UE dwar il-provvista ta’ Ġid Pubbliku Internazzjonali (IPGs) u l-ftehim biex ikunu eżaminati l-modalitajiet ta’ finanzjament ta’ l-IPGs.”

9. IR-RIFORMA TAS-SISTEMA FINANZJARJA INTERNAZZJONALI

9.1 Il-Konklużjonijiet ta’ l-24 ta’ Mejju 2005: “Li tiġi promossa pożizzjoni konġunta Ewropea biex titkabbar il-vuċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk li qegħdin fi tranżizzjoni u li ttejjeb aktar il-kwalità tal-koordinazzjoni eżistenti ta’ l-UE fl-IFIs.”

9.2 Il-Konklużjonijiet ta’ l-14 ta’ Marzu, 2002: “Li tkun influwenzata r-riforma tas-Sistema Finanzjarja Internazzjonali billi jkunu miġġielda l-abbużi tal-globalizzazzjoni finanzjarja, tiġi msaħħa l-vuċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-teħid ta’ deċiżjonijiet ekonomiċi internazzjonali, u, filwaqt li jkunu rispettati r-rwoli rispettivi tagħhom, titkabbar il-koerenza bejn in-NU, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u l-WTO”.

10. IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP

10.1 Il-Konklużjonijiet ta’ l-24 ta’ Mejju, 2005: “...l-UE timpenja ruħha li ttejjeb aktar u tikkoordina aħjar il-programmi ta’ għajjuna li huma relatati mal-kummerċ u – minħabba l-ispejjeż possibbli ta’ l-integrazzjoni fil-kummerċ li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qegħdin

jiżviluppaw – tippovdi appoġġ addizzjonali għall-aġġustament tal-kummerċ u għall-integrazzjoni fl-ekonomija globali. Għalhekk taqbel li l-għażliet differenti stabbiliti fil-Komunikazzjoni għal għajjnuna mtejba u miżjuda, inkluża dik ta' mekkaniżmu internazzjonali għall-aġġustament tal-kummerċ u l-bini ta' kapaċitajiet, jiġu segwiti iktar fi ħdan l-UE u mal-komunità internazzjonali.”

“L-UE se tkompli tippovdi appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tagħtihom il-possibbiltà jaħtfu l-opportunitajiet kummerċjali, b'mod partikolari billi tgħinjom jintegraw il-kummerċ fl-istrateġiji nazzjonali ta' żvilupp tagħhom u jiżguraw ir-riforma domestika meħtieġa.”

10.2 Il-Konklużjonijiet tad-9 ta' Diċembru 2005: Il-Qafas Integrat (IF): “Bil-ħsieb li t-titjib ta' l-IF jeħtieġ jindirizza bis-sħiħ in-nuqqasijiet eżistenti tiegħu, l-UE tiddeċiedi li, fi ħdan il-baġits disponibbli u ma' donaturi oħrajn, se tippovdi riżorsi biex tagħti l-possibbiltà lill-IF imtejjeb li jiġi ffinanzjata b'mod adegwat u prevedibbli. Alternattivament, uħud mill-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu għajjnuna għall-istess skop permezz ta' kanali oħrajn.”

L-Għajjnuna Relatata mal-Kummerċ: “Fi ħdan l-impenji tagħhom għal żjodiet futuri fl-għajjnuna għall-iżvilupp, l-Istati Membri se jagħmlu hilitom biex iżidu l-infiq kollettiv ta' l-UE fuq għajjnuna relatata mal-kummerċ (kif inhi ddefinita), b'rispons għall-ħtiġijiet li ngħataw prijorità fi strateġiji ta' tnaqqis tal-faqar jew fi pjanijiet ta' żvilupp ta' pajjiżi msieħba, sabiex tintlaħaq figura ta' € 1 biljun fis-sena sa l-2010, li tinkludi l-infiq fuq il-Qafas Integrat imtejjeb. Dan għandu jġib il-kontribuzzjoni ta' l-UE kollha, inkluża l-kontribuzzjoni tal-Komunità, għal € 2 biljun fis-sena sa l-2010.”